Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/77

16.1.2025

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/77**

**tal-10 ta' Jannar 2025**

**li jistabbilixxi l-għeluq tas-sajd għall-merluzz tal-linja sewda fl-ilmijiet tar-Renju Unit, tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona 6b; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 12 u 14 għal bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Irlanda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/257 ([2]) jistabbilixxi l-kwoti għall-2024.

(2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, il-qabdiet tal-istokk tal-merluzz tal-linja sewda fl-ilmijiet tar-Renju Unit, tal-Unjoni u ilmijiet internazzjonali taż-żona 6b; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 12 u 14 minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Irlanda jew li huma rreġistrati f'dak il-pajjiż eżawrew il-kwota allokata għall-2024.

(3) Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu pprojbiti ċerti attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata għall-Irlanda għall-istokk tal-merluzz tal-linja sewda fl-ilmijiet tar-Renju Unit, tal-Unjoni u ilmijiet internazzjonali taż-żona 6b; fl-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 12 u 14 għall-2024 imsemmija fl-Anness għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

1. Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Artikolu 1 mill-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Irlanda jew irreġistrati fiha għandhom jiġu pprojbiti mid-data stabbilita fl-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jsir tiftix għall-ħut, tfigħ, issettjar jew ġbid tal-irkaptu tas-sajd għall-finijiet tas-sajd ta' dak l-istokk.

2. It-trażbord, iż-żamma abbord, l-ipproċessar abbord, it-trasferiment, iż-żamma fil-gaġeġ, it-tismin u l-iżbark tal-ħut u tal-prodotti tas-sajd minn dak l-istokk maqbud minn dawk il-bastimenti għandu jibqa' awtorizzat għall-qbid li jsir qabel dik id-data.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/257 tal-10 ta' Jannar 2024 li jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 (ĠU L, 2024/257, 11.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/257/oj).

3. Il-qabdiet mhux intenzjonati tal-ispeċi minn dak l-istokk minn dawk il-bastimenti għandhom jinġiebu u jinżammu abbord il-bastimenti tas-sajd, jiġu rreġistrati, jinħattu l-art u jinqatgħu mill-kwoti f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Jannar 2025.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Costas KADIS
*Membru tal-Kummissjoni*

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 36/TQ257 |
| Stat Membru | L-Irlanda |
| Stokk | HAD/6B1214 |
| Speċi | Merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*) |
| Żona | L-ilmijiet tar-Renju Unit, dawk tal-Unjoni u dawk internazzjonali ta’ 6b; l-ilmijiet internazzjonali ta’ 12 u 14 |
| Data tal-għeluq | Id-19 ta’ Diċembru 2024 |